**15 ta' Jannar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Gino Camilleri LL.D.**

Raymond Sciberras

*versus*

Hugh P. Zammit *noe*

## Sentenza - *Res Judicata* - Nuqqas ta' Notifika

*Il-konvenut kien ħareġ mandat ta' qbid kontra l-attur wara sentenza. L-attur talab li tali mandat ikun iddikjarat null billi huwa qatt ma kien innotifikat biċ-ċitazzjoni ta' l-ewwel kawża.*

*Billi ma ntalbitx ir-ritrattazzjoni tas-sentenza li a bażi tagħha ħareġ il-mandat, dik is-sentenza saret* res judicata *u tagħmel stat bejn il-partijiet.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenut talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' qbid numru 1723/94 kontra l-attur in esekuzzjoni tas-sentenza li hu ottjena fil-kawża fl-ismijiet inversi numru 1347/92/FGC li ġiet deċiża fis-27 ta' Ottubru, 1993;

Illi l-attur qatt ma kien ġie notifikat biċ-ċitazzjoni ta' l-istess kawża u għalhekk kwalsiasi proċeduri inkorsi kontra l-attur mill-istess konvenut *nomine* huma irriti u nulli u bla ebda effett fil-liġi billi ma ġiex rispettat la l-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili u lanqas il-prinċipju ta' *audi alteram partem* billi s-sentenza ngħatat, sia pure ad insaputa tal-Qorti, mingħajr ma l-konvenut kien ġie nnotifikat bl-istess atti u għalhekk mingħajr ma seta' ddefenda ruħu u ta l-versjoni tiegħu tal-fatti;

Illi dan il-mandat ta' qbid fuq riferit, una volta li ġie esegwit, jagħti lok ukoll għall-proċeduri ta' subbasta kif fil-fatt qiegħed jhedded li sejjer jagħmel l-istess konvenut;

Talab li l-konvenut għalhekk jgħid għaliex din il-Qorti ma għandhiex, għar-raġunijiet premessi:

Tiddikjara nulli u bla ebda effett il-proċeduri tal-kawża fl-*ismijiet inversi liema ċitazzjoni ġġib in-numru* 1347/92/FGC li ġiet deċiża fis-27 ta' Ottubru, 1993;

Tirrevoka kull digriet tagħha dwar il-mandat ta' qbid fuq imsemmi numru 1723/94/SF fl-istess ismijiet inversi;

Tirrevoka kull digriet tagħha dwar proċeduri ta' subbasta intavolati mill-konvenut *nomine* kontra l-attur - kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar, 1995 debitament innotifikata fil-15 ta' Frar, 1995 kontra l-konvenut *nomine* li ġie nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' *l-attur debitament ikkonfermata* bil-ġurament u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* fejn ġie eċċepit preliminarjament in-nullità ta' l-azzjoni odjerna billi l-kawża fl-ismijiet **Hugh P. Zammit** ***noe*** **kontra Raymond Sciberras**, ċitazzjoni numru 134/92 FGC, hija *res judicata;*

*Omissis*;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut *nomine* debitament

ikkonfermata bil-ġurament u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet inversi (ċitazzjoni numru 134/92FGC) deċiża fis-27 ta' Ottubru, 1993;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Ġunju, 1996;

Ikkunsidrat:

Bil-preżenti qed tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* fis-sens illi l-azzjoni odjerna hi nulla stante illi l-kawża fl-ismijiet **Hugh P. Zammit** ***nomine vs*** **Raymond Sciberras** (ċitazzjoni numru 134/92FGC - deċiża fis-27 ta' Ottubru, 1993) hija *res judicata*;

In effett l-attur fiċ-ċitazzjoni ppremetta illi l-konvenut *nomine* qed jesegwixxi l-imsemmija sentenza fl-ismijiet inversi deċiża fis-27 ta' Ottubru, 1993. Għar-rigward ta' din is-sentenza l-attur isostni li huwa ma kienx ġie nnotifikat biċ-ċitazzjoni relattiva u għalhekk kull proċedura meħuda mill-konvenut *nomine* kontra tiegħu hi irrita u nulla u bla ebda effett fil-liġi. L-attur qed jitlob li l-proċeduri tal-kawża deċiża fis-27 ta' Ottubru, 1993 jiġu ddikjarati nulli u bla ebda effett, li jiġi rrevokat kull digriet dwar il-mandat ta' qbid ottenut mill-konvenut *nomine* in konsegwenza ta' l-istess sentenza u li jiġi rrevokat kull digriet dwar proċeduri ta' subbasta intavolati mill-konvenut *nomine* kontra l-attur;

Ma hemmx dubbju li l-imsemmija sentenza għandha tiġi kkunsidrata bħala *res judicata* u għalhekk tagħmel stat bejn il-partijiet. Ma tirriżulta ebda sentenza oħra li ħassret jew annullat

l-imsemmija sentenza;

Il-liġi espressament tipprovdi fl-artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 li kawża deċiża tista' tiġi rritrattata jekk iċ-ċitazzjoni relattiva ma tkunx ġiet innotifikata lill-konvenut. Dan hu appuntu l-ilment ta' l-attur. L-attur għalhekk kellu qabel xejn, skond il-provvedimenti ta' l-imsemmi artikolu, fl-ewwel lok jitlob li s-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 1993 tiġi mħassra u sussegwentement jitlob li l-istess kawża tiġi ritrattata. L-attur però naqas li jagħmel dan;

Fid-dawl ta' dan kollu, għalhekk, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 1993 hi *res judicata* bejn il-partijiet. Ma jirriżulta ebda pronunzjament validu fil-liġi li jannulla l-istess sentenza u għalhekk l-istess sentenza tagħmel stat bejn il-partijiet. Ma hemm xejn għalhekk li jżomm lill-konvenut *nomine* milli jesegwixxi l-imsemmija sentenza. Konsegwentement, f'dawn iċ-ċirkostanzi, it-talbiet attriċi ma jistgħu qatt jiġu akkolti;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni in kwistjoni tal-konvenut *nomine*, tiddikjara din l-azzjoni ta' l-attur bħala irrita u nulla u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha ta' l-attur;

Spejjeż kontra l-attur.